MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2008

Avviz Numru. 481/1999/1

**Gasan Insurance Agency Lmited bhala rappresentatantrici**
**tas-socjeta assikuratrici estera General Accident Fire & Life**
**Assurance Corporation Plc, kif surrogata bil-ligi u bil-polza**
**fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Darmanin u b'nota**
**tas-27 ta' April 2000 is-socjeta Gasan Mamo Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta assikuratrici**
**CGU Insurance plc gia General Accident Fire & Life Assurance**
**Corporation plc kif surrogata fid-drittijiet tal-asiskurata**
**taghha Michael Darmanin assumiet l-atti.**

**Vs**

**Anton Curmi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li :-

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fit-13 ta’ Settembru 1998 fil-limiti ta’ Haz Zurrieq waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura nru. EAC 242, b’mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li huwa habat mal-vettura numru CBA 065 propjeta ta’ assikurat tal-attur, Michael Darmanin u kkaguna hsarat konsiderevoli f’din il-vettura.
2. Tillikwda d-danni sofferit mis-socjeta attrici fl-ammont ta’ hames mija u sbatax il-Lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm517.81) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opera ta’ periti nominandi.
3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-avviz.

Bl-ispejjes komprisi dawk ta’ Ittra Ufficjali tas-17 ta’ Frar 1999 u tal-konsult (Lm15.00) u ta’ ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma‘ dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-istess konvenut (fol 11 tal-atti) u li bih eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghha, billi l-kollizjoni in kwistjoni ma saritx b’tort tal-eccipjenti, izda b’tort tas-sewwieq tal-vettura assikurata mas-socjeta’ attrici, minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti ma hux responsabbli ghall-ebda hlas ta’ danni;
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi s-sewwieq tal-vettura assikurata mas-socjeta attrici nomine (fol 36 et seq ibid) Joseph Darmanin spjega li hu kien qed jsuq il-vettura numru CBA 065 fiz-Zurrieq u kien gej minn Triq San Bartolomew u diehel f'Carmel Street, iz-zewg toroq "one way". Kif kien ser jikser ghal go t-tieni triq msemmija, avolja ma hemmx sinjal ta' "stop", hu kien waqaf sabiex jesplora l-istess Triq u wara li ghamel dan, hu kiser u dahal fl-istess Carmel Street. Ghandu jissemma illi hu xehed illi "Fuq in-naha tal-lemin tieghu, fil-kantuniera ta' Triq San Bartolomew ma' Carmel Street, kien hemm karozza pparkjata". Pero,, hawnhekk, hu sema' hoss ta' "brakes" u, go fih, habtet il-vettura misjuqa mill-konvenut u bin-numru EAC 242 li "… kienet qed tinsaq kontra l-'one way' go Carmel Street". Sussegwentement il-konvenut, skond dejjem l-istess xhud, wara li gie mistoqsi dwar jekk kienx jaf li "dik it-triq kienet … 'one way' ", kien wiegeb "… ma riedx jdur id-dawra" sabiex jmur ghand l-gharusa tieghu.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher a fol 72 u fol 94 tal-istess attur gie prodott PS2 Martin Bugeja li xehed u esebixxa kopja tar-rapport tal-iskizz maghmulin minnu stess meta investiga l-incident in esami. In rigward l-iskizz, oltre li tigi notata l-posizzjoni taz-zewg vetturi involuti f'dan l-incident ,wara li dan sehh, hemm murija zewg vetturi ohrajn parkeggati fuq il-lemin tal-vettura misjuqa minn Joseph Darmanin liema vetturi, certament, kienu qeghdin jirrestringu l-vizwali li kellu disponibbli l-istess Joseph Darmanin waqt li kien hiereg minn St Bartolomew Street, anzi minn Pjazza Xarolla, lejn il-lemin, minn fejn kien gej il-konvenut. Inoltre hemm imnizzel fuq l-istess skizz il-kliem "against no entry sign" oltre senjalati "3.40. m b/marks" fuq il-genb tal-lemin tal-istess vettura misjuqa mill-konvenut. Fl-istess rapport hemm imnizzlin il-versjoni rispettiva moghtija "a caldo" mill-istess partijiet involuti. Difatti Joseph Darmanin, fis-

sustanza kien stqarr dak li xehed quddiem il-Qorti, kif hawn fuq riportat. Da parti tieghu l-konvenut kien qal illi kien qed jsuq minn go Carmel Street "… unknowingly … against one way traffic" sakemm saret il-habta.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, meta xehed (fol 81 et seq ibid) semma' illi "meta nzilt in nizla gejt quddiem hajt. Ma kien hemm l-ebda sinjal f'liema direzzjoni kelli immur". Hawnhekk hu kiser lejn il-lemin ossija go t-Triq fejn saret il-habta. Sabiex jsostni dak li qal hu esebixxa ritratt mehud minnu stess l-ghada tal-incident (ara fol 84). Fuq dan hemm murija n-nizla li hu semma u "suppost kif jidher fir-ritratt hemm tabella, qed nirreferi ghal dak ic-cirku li jidher fuq il-hajt pero' ma kien hemm l-ebda, fil-fatt, tabella".

Ikkunsidrat

Illi, filfatt PS2 Martin Bugeja gie riprodott (a fol 94 kif di gja ssemma') u minn ir-ritratt in kwistjoni minhu specifika illi madwar mitt metru (100m) il-boghod minn fejn gara l-istess incident, tinsab it-tabella in kwistjoni ("no entry") u dan fejn hemm incrocju ta' toroq. Dak in nhar stess tal-incident, hu kien mar f'dan l-incrocju u kien sab din it-tabella u l-post tal-incident ma hemm ebda triq laterali li taghti ghal go dik minn fejn kien qed jsuq il-konvenut. Dwar l-istess ritratt, il-lokalita murija hija "hafna l-boghod" minn fejn gara l-incident u gharafha bhala Alexander Lane b'Carmel Street li tidher ukoll. Dwar it-tabella li hu accerta ruhu bhala li kienet fil-post fejn suppost. Fl-ahharnett, hu qal illi "Fil-fatt l-incident, gara kif muri fuq dan ir-ritratt lejn in-naha tal-lemin u mhux lejn in-naha tax-xellug.

Ikkunsidrat

Illi, dwar dan l-incident jidher fuq bazi ta' probabilita', illi l-konvenut kien, filfatt, qed jsuq il-vettura tieghu kontra s-sinjal tat-traffiku u dan billi saq kontra s-sinjal tat-traffiku cjoe "no entry sign". Dan il-fatt jirrisulta mix-xhieda mghotija minn PS2 Martin Bugeja li specifika illi bejn din it-tabella u l-post tal-incident ma hemm ebda triq laterali li

minnha seta’ saq il-konvenut sabiex jidhol fit-triq fejn gara l-incident. Tenut kont li s- sewqan ta’ Joseph Darmanin bl-ebda mod ma jista’ jigi deskritt bhala wiehed traskurat, ir-responsabbilita’ ghal din il-kollizzjoni ghandha tigi akkollata “in toto” lill-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi l-“quantum” tal-hsarat pretiz mis-socjeta attrici nomine bl-ebda mod ma gie kontestat. Difatti l-unika eccezzjoni sottomessa tirreferi, biss, ghar-responsabilita ta’ dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u :

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident in esami minhabba sewqan b’mod negligenti, imprudenti u kontra r-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.
2. tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ Lm517.81 ossija €1206.17 u;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta’ Lm517.81 ossija €1206.17 bl-imghaxijiet legali mit-30 ta’ Marzu 2000 sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittri ufficjali tal-17 ta’ Frar 1999 u tas-7 ta’ April 1999 u kif ukoll Lm15 ossija €34.94 ta’ konsult.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------